MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 307/2014

Appell numru: 307/2014

Il-Pulizija

versus

Fabio Psaila

Illum 26 ta′ Frar 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Fabio Psaila, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 318874M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B' diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksur l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' April, Mejju u Gunju, 2013, meta hekk ordnat min xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas lil jaghti lil Isabella Mercieca u/jew lil uliedkom is-somma ffissata minn xi Qorti jew stiputala bil-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-30 ta' Gunju, 2014, fejn wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahar prigunerija u spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Fabio Psaila, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Lulju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill-akkuza dedotta kontra tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant:

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Il-Qorti giet informata mill-appellant li ma jistax ghaliex ma ghandux dhul u jghix fuq il-karita' ta' ommu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi f'xi zmien l-appellant kellu relazzjoni ma' Isabelle Mercieca Franz u li minnha kellu zewgt itfal Miguel u Zuleika. Din ir-relazzjoni intemmet u b'decizjoni moghtija fl-1 ta' Marzu 2011 il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, iffissat ir-retta alimentari illi l-appellant kellu jhallas lil Isabelle Mercieca ghal zewg uliedhom minuri. Jidher illi l-appellant naqas illi jhallas il-manteniment ghax-xhur ta' April, Mejju u Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) u fis-sbatax (17) ta' April elfejn u tlettax (2013) Isabel Mercieca ghamlet rapport lill-pulizija dwar dan in-nuqqas illi ipprocedew kontra l-appellant.

B'sentenza moghtija fit-30 ta' Gunju 2014 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati u ikkundannatu ghal xahar prigunerija. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti peress illi l-appellant m'ghandux dhul u jghix fuq il-karità ta' ommu.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant kien digà qajjem din l-iskuza quddiem il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fir-rikors guramentat numru 179/08 deciz fl-1 ta' Marzu 2011 fejn dan

spjega lil dik il-Qorti illi meta kien jahdem kien jivversa manteniment lill-parti leza izda dak iz-zmien ma jista' jhallas l-ebda manteniment peress illi ma kienx jahdem u lanqas jiehu beneficcji jew assistenza socjali. Il-Qorti però ma emmnitux u iddikjarat illi ma pruvax sodisfacentement illi fil-fatt kien dizokkupat jew li m'ghandux mezzi sabiex imantni t-tfal tieghu u ghaddiet biex tistabilixxi l-manteniment dovut ghal uliedu. Din il-Qorti ghalhekk thoss illi ma jistax issa jerga' jqajjem l-istess skuza quddiem din il-Qorti il-kwestjoni giet dibattuta u deciza mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja. Di più kif qalet il-kawza tal-Appell Kriminali, il-Pulizija versus Anthony Saliba (15 ta' Lulju 1998) "... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anke f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivment u fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet. (Ara ukoll Il-Pulizija versus Alfred Camilleri, 18 ta' Settembru 2002 u Pulizija versus Lawrence Mifsud, 15 ta' Ottubru 2009)."

Dan ifisser kwindi illi l-appellant ma jistax unilateralment jiddeciedi illi jzomm lura l-manteniment ordnat mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, minghajr ma l-ewwel jottjeni l-permess minghand it-tali Qorti biex inaqqas jew addirittura jwaqqaf il-manteniment. F'dan l-istadju ma jidhirx illi dan huwa l-kaz u ghalhekk l-appellant huwa obbligat li jhallas lill-parti leza Isabelle Mercieca l-ammont ordnat mill-Qorti Civili.

Ghalhekk, ghal dak li jirrigwarda l-mertu l-ewwel Qorti ghamlet sew fejn sabet htija. Ghal dak li jirrigwarda l-piena, il-Qorti taghmel riferenza ghall-verbal tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar elfejn u hmistax (2015) fejn deheret ilparti Civili Isabelle

Mercieca u infurmat lill-Qorti illi c-cekk ta' tmienja u erbghin ewro (€840) issarraf regolarment u iddikjarat li ghal dak li jirrigwarda din il-kawza ma kellhiex aktar pretensjonijiet kontra l-appellant. B'din id-dikjarazzjoni l-Qorti thares favorevolment lejn l-appell tal-appellant, ghal dak li jirrigwarda l-piena, u f'dawn ic-cirkostanzi ghandu jkun hemm temperament. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Publius Said" (25 ta' Settembru 2003), il-Qorti qalet "l-iskop tal-legislatur meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali, kien illi ssir pressjoni fuq debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet li ghandhm dejem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ...".

U dana huwa proprju dak li se taghmel din il-Qorti. Tirrileva però illi l-appellant huwa "habitual defaulter" ghal dak  li jirrigwarda l-hlasijiet dovuti u ovvjament ma tistax tittollera sitwazzjoni fejn il-parti leza Isabelle Mercieca tkun kostretta tagixxi din il-Qorti biex tiehu dak illi huwa bi dritt taghha u cioé l-manteniment tal-istess ulied tal-appellant. Ghalhekk taghmilha cara illi din se tkun l-ahhar darba illi l-Qorti se thares faverovalment lejn it-talba tal-appellant ghal temperament fil-piena wara illi jkun hallas fil-mori ta' dan l-appell u jekk darba ohra jerga' jkun moruz u l-parte civile tkun kostretta tghaddi dan il-kalvarju kollu sabiex tiehu dak li huwa dritt taghha, din il-Qorti mhiex aktar se thares b'simpatija lejn it-talba tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' in parti l-appell fejn, filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fejn sabet htija, tirrevokaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok xahar prigunerija tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------